# Beati u Qaddisin....Gunju

**13 ta' Gunju**
**Sant' Antnin ta' Padova.**



Ferdinandu twieled f'Lisbona minn familja nobbli portugiza. Ta' 15 il-sena dahal novizz fil-monasteru ta' San Vincenz gewwa Lisbona. Imbaghad ittrasferixxa ruhu fil-monasteru tas-Salib Imqaddes f'Coimbra fejn kompla l-istudju tieghu bi preparazzjoni ghall-ordinazzjoni tieghu sacerdotali. Meta kellu 24 sena kien ordnat sacerdot. Meta kollox deher li ser jaqbad it-trieq tal-filosfija u t-teologija, iddecieda li jhalli l-ordni frangiskan ghaliex ma setghax jissaporti aktar il-maniggi politici bejn il-kanonci u r-re Alfonsu II. Huwa xtaq li jghix hajja aktar severa. Ix-xewqa tieghu sehhet meta gewwa Coimbra waslu l-igsma ta' hames patrijiet frangiskani b'rashom maqtghuha fil-Marokk fejn kienu marru biex jippridkaw l-evangelu fuq ordni ta' San Frangisk minn Assisi. Il-martirju taghhom kebbislu l-hegga tieghu biex ipoggi fis-sehh il-pjan tieghu. Wara li qala' il-permess tas-superjur ta'l-agostinjani u l-provincjal tal-frangiskani ta' Spanja huwa ghamel il-professjoni tieghu ta' frangiskan u ha l-isem ta' Antonju, ad unur l-abbati eremita egizzjan.

Xewqan li jmut martri huwa wkoll talab il-permess biex ihalli art twelidu ghall-Marokk bhala missjunarju imma waqt il-vjagg laqtitu marda li hallietu imsammar ma' sodda ghal zmien twil tant li shabu ikkonvincewh biex jerga lura halli jfieq seww.  Verzjoni ohra tghid li hu qatt ma wasal il-Marokk: waqt l-vjagg tieghu fuq il-bahar tempesta wadbittu lejn Messina fi Sqallija. Ikkurat mill-Frangiskani tal-belt dan xahrejn biex ha lura sahhtu. Wara li ha sehem fil-kapitlu generali ta' Assisi fil-Pentecoste fejn sema' lil San Frangisk jitkellem, izda ma gharfux personalment, huwa gie assenjat biex iqaddess ghal sitt fratelli fangiskani f'Montepaolo qrib Forli, eremitagg kokmpost minn kappella zghira, gnien u xi cellel. Hemm huwa qatta' sena u nofs fil-kontemplazzjoni u penitenza. Fl-okazzjoni ta' l-ordinazzjoni ta' sitt sacerdoti tal-frangiskani huwa ippredika quddiem presenza kbira ta' nies sahansitra maghmulha minn nies nobbli. Minn hemm ' quddiem huwa gie assenjat li jippriedka minn San Frangisk stess li f'ittra li kitiblu wissieh biex ma jitlifx l-ispirtu ta' pentienza u devozzjoni. Tant kien jippriedka b'qawwa u entuzjazmu li kienu jsejhulu l-martelli ta' l-eretici, ghax kien johodha spiss kontra dawk li kienu jxerrdu l-erezja fi zmienu. Mil-Italja tela' wkoll fi Franza. Kienu ukoll ghalliem tat-teologija frangiskana fil-kunvent ta' Santa Marija della Pugliola, gewwa Bolongna. Gera f'hafna kunventi biex isahhah lil patrijiet. Huwa fetah djar ohra sakemm fl-ahhar ghamel ir-residenza tieghu permanenti gewwa Padova fejn hemm kiteb il-priedki tal-Hdud fi zmien xahrejn. Bil-kitba tieghu kien johodha kontra dawk li jsellfu b'imghax kbir, kiteb fuq il-virtuijiet, fuq l-imhabba lejn Alla fuq il-hniena lejn il-fqar...................... Fuq kollox kien bniedem li jhobb hafna lil Madonna u perswaz fuq it-tlugh taghha fis-sema. Ghal priedki tieghu kienu jattendu hafna nies.

Minhabba li kien marad huwa kellu jiritra f'eremitagg moghti lilu mill-konti Tirso. Qalb il-fireghi ta' sigra kbira l-konti bnielu kamra biex isservih ta' cella. Izda anqas hawn ma kien kuntent li jistrieh ghax minn hawn San Antonju kien jippriedka u jinzel iqarar. Lelja wahda il-konti Tirso imqanqal mill-kurzita' ghad-dawl qawwi li kien hiereg mic-cella ta' Antonju ra lil Gesu' Bambin ghamel lil Qaddis.  Ghal habta ta' nofsinhar Antonju hass il-

forzi tieghu qed ininu u talab lil patrijiet shabu biex johduh f'Padova fejn xtaq imut. F'nofs ta' trieq kellhom idahhlu gewwa il-kunvent ta' Arcella fejn Antonju miet matul il-lejl. Qamet kustjoni bejn il-kunvent ta' Arcella u dak ta' Santa Maria Mater Domini izda il-provincjal iddeciieda li gismu jingarr lejn din il-knisja fejn xtaq imut. Il-mirakli bdew isehhu minnufih appena il-gisem mejjet tieghu wasal fil-knisja. Mirakli ghamel bil-bosta waqt hajtu.  Il-Papa Girgor IX hatru qaddis sena biss wara mewtu. Giet iddikjarat duttur tal-knisja mill-Papa Piju XII fis-sena 1946.